Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/804**

tal-11 ta' Mejju 2017

li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid mingħajr ġonġituri (ħlief tal-ħadid fondut) jew tal-azzar (ħlief tal-azzar inossidabbli), ta' sezzjoni trasversali tonda, ta' dijametru estern li jaqbeż l-406,4 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(ĠU L 121, 12.5.2017, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/919 tal-4 ta' Mejju 2023	L 119	166	5.5.2023

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/804

tal-11 ta' Mejju 2017

li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid mingħajr ġonġituri (ħlief tal-ħadid fondut) jew tal-azzar (ħlief tal-azzar inossidabbli), ta' sezzjoni trasversali tonda, ta' dijametru estern li jaqbeż l-406,4 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Artikolu 1

1. Ġie impost dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr ġonġituri, tal-ħadid (ħlief tal-ħadid fondut) jew tal-azzar (ħlief tal-azzar inossidabbli), ta' sezzjoni trasversali tonda, ta' dijametru estern li jaqbeż l-406.4 mm, li attwalment jaqgħu taħt il-Kodiċijiet NM 7304 19 90, ex 7304 29 90, 7304 39 98 u 7304 59 99 (il-kodiċi TARIC 7304 29 90 90) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Rata ta' dazju antidumping definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Yangzhou Chengde Steel Pipe Co., Ltd.	29,2	C171
▼M1 _____		
▼B Yangzhou Lontrin Steel Tube Co., Ltd.	39,9	C173
Hengyang Valin MPM Co., Ltd.	48,2	C174
▼M1 _____		
▼B Il-kumpaniji elenkati fl-Anness	45,6	C998
Il-produtturi l-oħra kollha	54,9	C999
▼M1 CITIC Pacific Group: — Daye Special Steel Co., Ltd — Zhejiang Pacific Seamless Steel Tube Co., Ltd	51,8	899H

▼B

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmijin fil-paragrafu 2 għandha tkun bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu/isimha u l-kariga, abbozzata kif ġej: *"Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (Kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż*

▼B

ikkonċernat]. Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata t-tali fattura, japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għad-dazji garanntiti permezz tad-dazji proviżorji tal-antidumping skont ir-Regolament (UE) 2016/1977.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Fejn produttur esportatur miċ-Ċina jipprovdi provi suffiċjenti lill-Kummissjoni li

(i) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw miċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni (l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2015)

(ii) ma jiġix mill-esportatur jew il-produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; u

(iii) jew effettivament esporta l-oġġetti kkonċernati jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jesporta kwantità sinifikanti lill-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni,

l-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biż-żieda tal-produttur esportatur il-ġdid mal-lista fl-Anness.

Artikolu 3

L-ammonti garantiti bħala dazji antidumping proviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/1977 għandhom jingabru b'mod definittiv. L-ammonti garantiti ogħla mir-rati definittivi tad-dazju tal-antidumping se jiġu rilaxxati.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Il-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina:

Kumpanija	TARIC kodiċi addizzjonali
Tianjin Pipe Manufacturing Co., Ltd.	C998
Shandong Luxing Steel Pipe Co., Ltd.	C998
Inner Mongolia Baotou Steel Union Co., Ltd	C998
Wuxi SP. Steel Tube Manufacturing Co., Ltd	C998
Zhangjiagang Tubes China Co., Ltd.	C998
TianJin TianGang Special Petroleum Pipe Manufacture Co., Ltd	C998
Shandong Zhongzheng Steel Pipe Manufacturing Co., Ltd.	C998